Nru./No. 19,385
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 20 ta' Frar, 2015
Friday, 20th February, 2015

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1249 - 1260
Government Notices ..... *1249 - 1260*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1261 - 1262
Police Notices ..... *1261 - 1262*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1262 - 1286
Employment Opportunities ..... *1262 - 1286*

Avviżi tal-Gvern ..... 1286 - 1289
Notices ..... *1286 - 1289*

Offerti ..... 1289 - 1324
Tenders ..... *1289 - 1324*

Avviżi tal-Qorti ..... 1324 - 1340
Court Notices ..... *1324 - 1340*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 151

IL-PRESIDENT TA' MALTA TERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETHA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġgħet daħlet għall-qadi tad-dmirijiet tal-Kariga tagħha ta' President nhar il-Ħamis, id-19 ta' Frar, 2015.

Is-Sa Dolores Cristina ma baqgħetx taqdi l-funzjonijiet ta' President.

L-20 ta' Frar, 2015

Nru. 152

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. I tal-2015 imsejjaħ l-Att tal-2015 dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija);

Att Nru. II tal-2015 imsejjaħ l-Att tal-2015 dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet;

Att Nru. III tal-2015 imsejjaħ l-Att tal-2015 li jemenda Diversi Liġijiet kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu; u

Att Nru. IV tal-2015 imsejjaħ l-Att tal-2015 dwar Diversi Liġijiet fil-qasam tas-Sħubija fi *Trade Union* ta' Forzi Dixxiplinati.

L-20 ta' Frar, 2015

Nru. 153

REGOLAMENTI DWAR IL-KAMRA TAL-PERITI (L.S. 390.01)

Kunsill tal-Kamra tal-Periti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kunsill tal-Kamra tal-Periti, skont l-Artikolu 3 tar-Regolamenti dwar il-Kamra tal-Periti (L.S. 390.01), hu kostitwit kif ġej:

President
Perit Christopher Mintoff

GOVERNMENT NOTICES

No. 151

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 19th February, 2015.

Mrs Dolores Cristina has ceased to perform the functions of President.

20th February, 2015

No. 152

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. I of 2015 entitled the Drug Dependence (Treatment not Imprisonment) Act, 2015;

Act No. II of 2015 entitled the Laws (Amendment and Repeal) Act, 2015;

Act No. III of 2015 entitled the Various Laws (Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism) (Amendment) Act, 2015; and

Act No. IV of 2015 entitled the Various Laws (Trade Union Membership of Disciplined Forces) Act, 2015.

20th February, 2015

No. 153

CHAMBER OF ARCHITECTS REGULATIONS (S.L. 390.01)

Chamber of Architects and Civil Engineers

IT is notified for general information that, in accordance with Article 3 of the Chamber of Architects Regulations (S.L. 390.01), the Council of the Kamra tal-Periti (Chamber of Architects and Civil Engineers) is composed as follows:

President
Perit Christopher Mintoff

Viċi President
Perit Stephanie Cassar

Segretarju Onorarju
Perit Amber Wismayer

Membri
Perit Stephen Farrugia
Perit Ian Camilleri Cassar
Perit Sandro Cini
Perit Chris Grech
Perit Anthony Bezzina
Perit Anthony Fenech Vella
Perit Andre Pizzuto
Perit Damian Vella Lenicker

L-20 ta' Frar, 2015

Vice President
Perit Stephanie Cassar

Honorary Secretary
Perit Amber Wismayer

Members
Perit Stephen Farrugia
Perit Ian Camilleri Cassar
Perit Sandro Cini
Perit Chris Grech
Perit Anthony Bezzina
Perit Anthony Fenech Vella
Perit Andre Pizzuto
Perit Damian Vella Lenicker

20th February, 2015

Nru. 154

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK150300
Post: General Soft Drinks, Triq l-Imdina/Triq il-Vitorja/Triq Alexandra, Ħal Qormi
Proposta: Twaqqigħ ta' bini eżistenti u bini ta' appartamenti, garaxxijiet għall-użu privat u *showrooms*/ħwienet

No. 154

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK150300
Location: General Soft Drinks, Triq l-Imdina/Triq il-Vitorja/Triq Alexandra, Ħal Qormi
Proposal: Demolition of existing buildings and construction of apartments, garages for private use and showrooms/retail outlets

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-13 ta' Ottubru 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-22 ta' Jannar 2015.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 13th October 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 22nd January 2015.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Kwalità tal-Arja	L-impatti fuq il-kwalità tal-arja kkawżati mit-traffiku mhumiex magħrufa. B'hekk qed jintalab studju tal-kwalità tal-arja li jikkonsidra l-impatti ikkawżati mit-traffiku. Emissjonijiet mit-trab waqt il-kostruzzjoni huma tranżitorji u jistgħu jiġu mmitigati permezz ta' miżuri skond ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007.
Air Quality	*The significance or otherwise of traffic-induced air quality impacts is not clear. An air quality study is being requested to identify the impacts likely to be generated through traffic.* *Dust emissions during construction are transient, and can be reasonably mitigated through standard measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007.*
Ħsejjes	It-tindif, tħaffir tas-sit u l-bini tal-estensjoni kapaċi joħolqu ħsejjes li jaffetwaw lir-residenzi tal-madwar. Madanakollu, se jkun hemm miżuri biex jittaffew il-ħsejjes skond kif imsemmi fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007.
Noise	*Noise during site clearance, excavation and construction may affect the nearby residences. Noise abatement measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007 shall further minimise the impact.*
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq skart inert, madankollu l-kwantitajiet x'aktarx li jkunu reletivament żgħar. Kull meta possibbli u jiddependi fuq il-propertajiet ġeoloġiċi tas-sit, huwa rakkomandat li l-ġebel skavat ma jkunx ittrattat bħala skart, u jerġa' jintuża. L-iskart tal-kostruzzjoni li jifdal u skart muniċipali solidu ġġenerat waqt l-operat se jintrema skont il-proċeduri stabbiliti għall-immaniġġjar tal-iskart.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal in relative terms. Whenever possible and depending on the geological properties of the site, it is recommended that excavated rock is reused. Remaining construction waste and municipal solid waste produced during operation will be disposed of in accordance with established waste management procedures.*
Impatt permezz ta' dawl	Matul il-lejl, huwa previst li l-proġett se jiġġenera d-dawl. Madankollu, il-ħruġ ta' dawl meta mqabbel mas-sitwazzjoni li diġà teżisti, jista' jitnaqqas billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jinżamm mal-livelli minimi meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà, u billi jintużaw fanali xierqa.
Light pollution	*During night time, lighting from the project is envisaged. Nevertheless, light emissions above the current baseline situation may be reduced by limiting nocturnal lighting to the minimum required for security purposes, and through use of appropriate luminaries.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Nru. 155

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK. 157522 (EA 00001/15)

Post: Barriera tal-franka, 23, Triq Il-Belt Valletta, L-Imqabba, Malta

Proposta: Proposta għall-bini ta' garaxxijiet industrijali Klassi 5a.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-12 ta' Novembru, 2014, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-26 ta' Jannar 2015.

No. 155

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK. 157522 (EA 00001/15)

Location: Soft Stone Quarry, 23, Triq Il-Belt Valletta, Mqabba, Malta

Proposal: To construct Class 5a industrial garages.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 12th November, 2014, and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 26th January 2015.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ħolqien ta' skart	Mhuma mistennija l-ebda impatti sinifikanti matul il-fażi ta' kostruzzjoni, peress li: (i) l-iskart tal-franka ġġenerat mill-iskavar hu mistenni li jiġi mqatta' f'*blocks* u jerġa' jintuża mill-ġdid; u (ii) l-ammont totali ta' skart ta' kostruzzjoni se jinżamm minimu biex jerġa' jintuża fejn hu possibbli.

Ebda ammonti sinifikanti ta' skart solidu mhuma se jiġu ġġenerati waqt l-operat, madankollu numru ta' prekawzjonijiet adegwati f'dan ir-rigward qed jiġu rakkomandati mid-Direttorat bħala parti mill-permess tal-iżvilupp. Il-ġestjoni tal-iskart huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti Ġestjoni tal-Iskart (Avviż Legali 184 tal-2011, kif emendati).

Waste generation

No significant impacts are envisaged during the construction phase, given that: (i) the excavation waste will be cut in dimensioned franka stone and would be sold for re-use; and (ii) the amount of construction waste would be kept to a minimum and re-used, when possible.

No significant amounts of solid wastes shall be generated during operations, however appropriate precautions are being recommended by the Directorate to be included in the Development Planning Application. The management of waste is subject to the provisions laid out in the Waste Management Regulations (Legal Notice 184 of 2011, as amended).

Impatt fuq l-ilma

Jista' jkun hemm tixrid matul il-fażi ta' kostruzzjoni li jistgħu jiġu mtaffa permezz tal-applikazzjoni xierqa tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007, (Avviż Legali 295 tal-2007, kif emendat), flimkien ma' miżuri oħra *standard* għal żviluppi industrijali. L-applikant għandu jsegwi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti permezz ta' *Construction Management Plan* (CMP).

Matul l-operat, miżuri *standard* ibbażati fuq id-disinn u l-operat għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni tal-art jew tal-ilma minn tixrid ta' materjal imniġġes. Huwa maħsub li dawn il-miżuri jkunu inklużi bħala kundizzjonijiet fil-proċess tal-permess tal-iżvilupp.

Impact on water

Potential spillages during the construction phase can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (Legal Notice 295 of 2007, as amended), combined with other relatively standard permit safeguards for industrial developments. Applicant is to follow the recommendations provided through a detailed Construction Management Plan (CMP).

During operation, a combination of standard design-based and operational measures should be sufficient to ensure that there are no risks of contamination of land or water from releases of pollutants. It is envisaged that such measures will be duly factored directly into the mainstream development permitting and environmental permitting mechanisms.

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

L-20 ta' Frar, 2015

20th February, 2015

Nru. 156

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill Lokali b'seħħ mis-17 ta' Frar, 2015:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Ħad-Dingli	Joan Mangion

L-20 ta' Frar, 2015

No. 156

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 17th February, 2015:

Local Council	*Executive Secretary*
Ħad-Dingli	Joan Mangion

20th February, 2015

Nru. 157

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Mark Zaffarese bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Cory Greenland, u dan għall-perjodu bejn l-14 ta' Mejju, 2015 u s-6 ta' Ġunju, 2015.

Illum, 16 ta' Frar, 2015

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 157

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mark Zaffarese to be Notary delegate and keeper of the acts for Notary Dr Cory Greenland, for the period between the 14th May, 2015, and the 6th June, 2015.

Today, 16th February, 2015

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 158

ATT TAL-2010 DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 81)

Tneħħija ta' Proprjetà mil-Lista tal-Iskedar

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1268 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,356 tat-12 ta' Diċembru, 2014) qed issir korrezzjoni kif ġej:

B'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 349 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,086 tat-20 ta' April, 2001) l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara li qegħda tneħħi mil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-Artikolu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-proprjetà li ġejja msemmija hawn taħt (li tidher fuq il-mappa f'paġna 1255) li oriġinarjament kienet skedata bħala ta' Grad 3, jiġifieri:-

210, Triq ix-Xatt (ġa Triq il-Marina), Pietà

Nhar is-7 ta' Novembru, 2014, il-Prim Ministru aċċetta li din il-proprjetà tiġi mneħħija mil-lista tal-iskedar.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 81 u 86 sa 90 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-18 ta' Novembru, 2014

No. 158

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2010 (ARTICLE 81)

De-Scheduling of Property

WITH reference to Government Notice No. 1268 (Government Gazette No. 19,356 of 12th December, 2014), the following correction is being made:


With reference to Government Notice No. 349 (Government Gazette No. 17,086 of 20th April, 2001), the Malta Environment and Planning Authority declares that it is excluding from the list of scheduled property, in terms of Article 81 of the Environment and Development Planning Act, 2010, the following property mentioned hereunder, (as shown on site plan on page 1255) originally scheduled as Grade 3, namely:-

210, Triq ix-Xatt (formerly Triq il-Marina), Pietà

On 7th November, 2014, the Prime Minister endorsed the removal of this property from the list of scheduled property.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 81 and 86 to 90 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Environment and Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

18th November, 2014



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

Malta Environment
& Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E53975, N72400
Max E54440, N72799

Title :-

Descheduling of Property 210, Triq ix-Xatt (Triq Marina), Pieta'

Ref No. :-

Legend :-

Descheduled Property

Form No. :- MU004

Nru. 159

ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILLI LOKALI L-IMQABBA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fis-16 ta' Frar, 2015, biex jimtela l-post li tbattal minn Briffa Nicholas, Kunsillier għal-lokalità tal-Imqabba hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u ttrasferiti skont il-liġi lill-kandidati nominati validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 159

LOCAL COUNCILS' ELECTION L-IMQABBA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 16th February, 2015, to fill the seat vacated by Briffa Nicholas, an elected Councillor for the locality of L-Imqabba, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidates and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett *Number of votes in Parcel* } **376**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **188**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd1 *1st Count*	Għadd 2 *2nd Count*	
	Voti *Votes*	Trasferiment tal-Voti ta' Briffa Marvin	Riżultat
PARTIT LABURISTA			
BRIFFA MARVIN	163	- 163	.....
FARRUGIA ANITA	181	+ 158	339E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	32	+ 5	37
Totali *Totals*	376		376

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi FARRUGIA ANITA ġiet kif mistħoqqa eletta Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum is-16 ta' Frar, 2015
Dated today 16th February, 2015

JOSEPH CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS N. CUTAJAR V. GANADO P. SAMMUT
S. SANT J. SCICLUNA R. ZAMMIT J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

L-20 ta' Frar, 2015 20th February, 2015

Nru. 160

ATT DWAR IL-*BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li se jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Marzu 2015 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skont u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti tal-2007 dwar id-Dematerjalizzazzjoni tal-*Bills* tat-Teżor ta' Malta tal-Avviż Legali Nru. 59 tal-2007:

No. 160

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of March 2015 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
02	**03** **TB** Tender Date	**04**	**05**	**06** **TB** Issue of 182 days maturing 4 September 2015
09	**10** **TB** Tender Date	**11**	**12**	**13** **TB** Issue of 91 days maturing 12 June 2015 and 182 days maturing 11 September 2015
16	**17** **TB** Tender Date	**18**	**19** ***Public Holiday***	**20** **TB** Issue of 91 days maturing 19 June 2015
23	**24** **TB** Tender Date	**25**	**26**	**27** **TB** Issue of 91 days maturing 26 June 2015 and 182 days maturing 25 September 2015

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 2596 7210 or by e-mail.

5. Only offers with a definite yield shall be considered.

6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.

10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.

11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

20th February, 2015

Nru. 161

DIPARTIMENT PROPRJETÀ TAL-GVERN

Skema għall-Bejgħ ta' Garaxxijiet Proprjetà tal-Gvern li huma Mikrija jew Mibnija fuq Art Mogħtija b'Ċens Temporanju u li qegħdin fl-Oqsma ta' Djar f'Malta u Għawdex

ID-DIPARTIMENT Proprjetà tal-Gvern jgħarraf lill-kerrejja ta' garaxxijiet tal-Gvern u ċenswalisti li ngħatalhom siti tal-Gvern biex bnew garaxxijiet, f'diversi Oqsma tad-Djar f'Malta u Għawdex, li jistgħu japplikaw sabiex jixtru l-garaxxijiet mikrija, jew jixtru d-Direttt Dominium tas-siti rispettivi skont din l-iskema:

Kundizzjonijiet tal-Iskema

I. Garaxxijiet mikrija

1. Jistgħu japplikaw biss għal din l-iskema persuni li huma rikonoxxuti bħala kerrejja mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern;

2. L-arja ta' fuq il-garaxx *de quo* mhix se tkun inkluża fil-bejgħ;

3. Sabiex jikkwalifika għal din l-iskema, d-daqs u l-ogħli tal-garaxx irid ikun ta' daqs eżatt skont kif imniżżel fil-Ftehim tal-Kirja oriġinali;

4. Il-prezz tal-bejgħ ta' kull garaxx se jinħadem bir-rata fissa ta' €310 għal kull metru kubu;

Garaxxijiet mikrija li huma mibnija fuq art li għadha mhiex proprjetà tal-Gvern peress li għadha qed tiġi akkwistata, ma jistgħux jiġu kkunsidrati f'din l-iskema.

II. Art taħt Garaxxijiet mogħtija b'Ċens Temporanju

1. Jistgħu japplikaw biss għal din l-iskema persuni li huma rikonoxxuti bħala ċenswalisti mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern;

2. L-arja ta' fuq il-garaxx *de quo* mhix se tkun inkluża fil-bejgħ;

3. Sabiex jikkwalifika għal din l-iskema, id-daqs u l-ogħli tal-garaxx irid ikun ta' daqs eżatt skont kif fil-Kuntratt taċ-Ċens oriġinali;

4. Il-valur tad-Direttt Dominium se jinħadem bir-rata fissa ta' €200 għal kull metru kubu, li fih il-garaxx bil-prezz ridott fejn huwa applikabbli, permezz tal-fattur multiplikatur kif imniżżel hawn taħt:

No. 161

GOVERNMENT PROPERTY DEPARTMENT

Scheme for the Sale of Government-Owned Garages Held on Lease, or Built on Land Granted on Temporary Emphyteusis situated within Housing Estates located in Malta and Gozo

THE Government Property Department notifies tenants of government-owned garages and emphyteutaes who were granted government owned sites for the building of garages, in various Housing Estates around Malta and Gozo, that they may apply to purchase the said garages, or the Directum Dominium of the land held by them on emphyteutical terms, in accordance with the following scheme:

Scheme Conditions

I. Garages held on lease

1. Only persons recognised as tenants by the Government Property Department are eligible to apply;

2. The airspace above the garage is not to be included in the sale;

3. In order to qualify under this scheme, the footprint and height of the garage have to be in accordance with the original Lease Agreement;

4. The value of each garage will be calculated at a fixed rate of €310 per cubic metre;

Leased garages which are built on land which is not fully government-owned, and or is still in course of acquisition, cannot be considered under this scheme.

II. Garage Sites held on Temporary Emphyteusis

1. Only persons recognised as emphyteutae by the Government Property Department are eligible to apply;

2. The airspace above the garage is not to be included in the sale;

3. In order to qualify under this scheme, the footprint and height of the garage have to be in accordance with the original Deed of Emphyteusis;

4. The value of the garage will be calculated at a standard rate of €200 per cubic metre, discounted where applicable by the following multiplying factor:

Numru ta' snin li fadal biex jiskadi t-terminu taċ-ċens	**Fattur Applikabbli**	**Number of years remaining until the expiry of the emphyteutical concession**	**Applicable factor**
0 sa 5 snin	1	0 to 5 years	1
6 sa10 snin	0.9	6 to 10 years	0.9
11 sa 15 snin	0.8	11 to 15 years	0.8
16 sa 20 snin	0.7	16 to 20 years	0.7
20 sa 40 snin	0.6	20 to 40 years	0.6
40 + snin	0.5	40 + years	0.5

5. Fil-każijiet fejn:

a) id-daqs tal-garaxx huwa akbar mid-daqs tas-sit oriġinarjament konċess bil-kuntratt taċ-ċens; jew

b) is-sit tal-garaxx ġie mressaq fuq sit ieħor li ma jagħmilx parti mill-konċessjoni oriġinali; jew

c) il-garaxx ġie mibni iktar ogħli mil-limitu stipulat, allura ċ-ċenswalist ikun jista' xorta japplika biex jixtri d-Dirett Dominium iżda jkollu jħallas is-somma ta' elf ewro (€1,000), bħala penali ta' darba, apparti l-valur tal-akkwist. Madankollu, il-bejgħ isir mingħajr preġudizzju għal kull permess ieħor li jkun irid jinġieb mill-istess applikant sabiex hu jirregolarizza ruħu skont il-liġi u dan dejjem salv id-drittijiet ċivili ta' terzi.

Kundizzjonijiet Oħra tal-Iskema

Il-bejgħ tal-garaxxijiet u tad-Dirett Dominium jista' jsir biss kemm-il darba l-arretrati kollha tal-kera/ċens tal-garaxx jiġu mħallsa, u dan qabel ma jsir il-kuntratt tal-bejgħ.

Peress li l-arja mhix se tiġi inkluża fil-bejgħ tal- garaxxijiet jew tad-Dirett Dominium, se tiddaħħal kundizzjoni dwar dritt ta' servitu eżistenti jew prospettiv fil-Kuntratt tal-Bejgħ.

Xerrejja prospettivi ma jkunux jistgħu jbiegħu l-garaxx qabel ma jgħaddu sentejn mid-data tal-Kuntratt tal-Bejgħ, mingħajr il-permess tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern.

F'kull każ, id-deċizjoni finali dwar il-bejgħ jew le tal-garaxxijiet jew tad-Dirett Dominium tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni assoluta tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern.

Formoli tal-Applikazjoni

Mal-formola tal-applikazjoni għax-xiri ta' garaxxijiet jew tad-Dirett Dominium tas-sit tal-garaxx, l-applikant għandu jissottometti dan li ġej:

5. In cases where:

a) a garage has a larger footprint than the original site granted; or

b) siting of garage has been shifted to a site which does not form part of the original concession; or

c) the garage has been built to a height which exceeds the permitted limit emphyteuta is still eligible to apply to purchase the Directum Dominium of the garage site, but has to pay a one-time penalty fee of one thousand euro (€1,000), apart from the computed value. However, this sale would be made without any prejudice to any other permits which would have to be obtained in order for applicant to regularise his position at law and save any third party civil rights.

Other Scheme Conditions

The sale of garages/Directum Dominium will only be proceeded with, if any outstanding rent/ground rent are settled in full, prior to the signing of the relative deed of sale.

Since garages are being sold without their airspace, a condition regulating existing and prospective servitudes will have to be included in the Deed of Sale.

Prospective buyers will not be allowed to re-sell the garages acquired under this scheme before the lapse of two years from the date of the relative Deed of Sale, without the permission of the Government Property Department.

In all cases, the decision to sell or otherwise the garage/ Directum Dominium, remains always at the sole discretion of the Government Property Department.

Application Forms

Each Application Form submitted for the purchase of a garage or the Directum Dominium of a garage site, must be accompanied by:

a) Kopja tal-aħħar irċevuta tal-kera u/ jew ċens imħallsa;

b) Pjanta dettaljata fi skala 1:100 li turi l-faċċata tal-garaxx, it-tqassim intern tal-garaxx kif ukoll *sectional drawing* tal-garaxx, awtentikati minn Perit;

c) Kopja ta' pjanta tal-proprjetà mir-Reġistru tal-Artijiet, awtentikata minn Perit;

d) Kopji tal-pjanti iridu jiġu wkoll sottomessi fuq CD fuq format ACAD 2011;

e) Minimu ta' 2 ritratti li juru l-faċċata tal-garaxx u l-ġnub tal-garaxx, fejn dan huwa possibbli;

f) Kopja tal-Karta tal-Identità tal-persuna/i li qed japplikaw.

Il-formoli tal-Applikazzjoni għal din l-Iskema jistgħu jinġabru minn nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2015, mill-Uffiċċju tal-*Customer Care,* tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30am u nofsinhar. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jitniżżlu minn fuq il-*website* tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern fuq (www.gpd.gov.mt).

Ma' kull applikazzjoni trid titħallas is-somma amministrattiva ta' mija u ħamsin ewro (€150) li ma tingħatax lura għall-ebda raġuni.

Il-formoli tal-applikazzjoni mimlija jridu jitwasslu bl-idejn fl-Uffiċċju tal-*Customer Care* tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, id-29 ta' Frar, 2016, minn fejn tingħata riċevuta.

L-20 ta' Frar, 2015

a) Copy of the last paid rent and/or ground rent receipt;

b) A detailed plan to a scale 1:100 showing the facade of the garage, internal layout of the garage and including a sectional drawing of the garage, duly authenticated by an Architect;

c) A copy of the property plan issued by the Land Registry, duly authenticated by an Architect;

d) Copies of plans are to be also forwarded on a CD in ACAD 2011 format;

e) A minimum of 2 photos that show the facade and the side elevation where possible of the garage;

f) Copy of ID Cards of applicant/s.

Application forms for this Scheme may be obtained as from Monday 23rd February 2015, from the Customer Care Office, Government Property Department, Auberge de Bavière, Valletta, from Monday to Friday between 8.30 a.m. and noon. Applications may also be downloaded from the website of the Government Property Department at (www.gpd.gov.mt).

A non-refundable administrative fee of one hundred fifty euro (€150) is payable with each application on the day of submission.

Application forms duly filled in are to be delivered by hand to the Customer Care Offices of the Government Property Department by not later than noon of Monday, 29th February, 2016. An acknowledgement will be issued on submission.

20th February, 2015

Nru. 162

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 162

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
20.02.2015	€34.423	€0.495

L-20 ta' Frar, 2015

20th February, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 20

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-triq li tidher hawn taħt se tiġi klassifikata bħala *tow zone*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar is-Sibt, 21 ta' Frar, 2015, mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Triq San Pawl minn Misraħ Kastilja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Frar, 2015

POLICE NOTICE

No. 20

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the street listed hereunder is to be classified as a tow zone on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Chap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Saturday, 21st February, 2015, from 10.00 a.m. till 2.00 p.m. through Triq San Pawl from Misraħ Kastilja.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

20th February, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 21

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, 2015, mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq it-Tjieba, Triq San Bartilmew, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti u Triq Pietru Pawl Saydon.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Marzu, 2015, mis-7.30 a.m. sal-11.30 a.m. minn Triq l-Imdina.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Frar, 2015

POLICE NOTICE

No. 21

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Żurrieq

On Friday, 6th March, 2015, from 5.00 p.m. till 9.30 p.m. through Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq it-Tjieba, Triq San Bartilmew, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti and Triq Pietru Pawl Saydon.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħaż-Żebbuġ

On Sunday, 15th March, 2015, from 7.30 a.m. till 11.30 a.m. through Triq l-Imdina.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

20th February, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Vetturi bi Status ta'
Abbandunata/Ingombru**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vetturi msemmija hawn taħt inġabru għall-finijiet tal-Artikolu 7 (1) u (2), Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

Nru. ta' Reġ *Reg. No.*	Għamla *Make*	Kulur *Colour*	Post *Location*	Nru. tal-File *File No.*
CAS 174	Renault Twingo	Purple	MT. GARAGE	P3272/91
DCA 658	Skoda Felicia	Red	MT. GARAGE	P3272/91
DAN 873	Peugeot 306	White	MT. GARAGE	P3272/91

Dawn il-vetturi jinsabu fil-bitħa tal-*garage* tal-Pulizija fil-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Taqsima A.L.E., MT Garage, il-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana Tel: 2122 4001

L-20 ta' Frar, 2015

POLICE NOTICE

**Impound Vehicles as being
Status of Derelict/Encumbrance**

The Commissioner of Police notifies that the general public that the following vehicles have been removed by virtue of Article 7 (1) and (2), of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

Nru. ta' Reġ *Reg. No.*	Għamla *Make*	Kulur *Colour*	Post *Location*	Nru. tal-File *File No.*
CAS 174	Renault Twingo	Purple	MT. GARAGE	P3272/91
DCA 658	Skoda Felicia	Red	MT. GARAGE	P3272/91
DAN 873	Peugeot 306	White	MT. GARAGE	P3272/91

All the above listed vehicles are being kept at the Police Garage, in Notre Dame Ditch, Floriana

Further information can be obtained from the Police General Headquarters, A.L.E. and MT Garage Sections, Notre Dame Ditch, Floriana Tel: 2122 4001

20th February, 2015

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

**Post ta' Prokuratur Legali
fid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern**

*(Approvazzjoni skont il-capacity building
datata it-8 ta' Ottubru, 2013)*

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, Uffiċċju tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Prokuratur Legali fid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Prokuratur Legali huwa ta' Skala ta' Salarju 9, €18,787.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €21,471.

2.2 Persuna fil-grad ta' Prokuratur Legali titla' fi Skala 8 (€20,047.02 x €486.83 - €22,968) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Il-persuni nominati ma jitħallewx jipprattikaw il-professjoni tagħhom privatament.

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

**Post of Legal Procurator in the Government
Property Department**

*(Capacity building approval
dated 8th October, 2013)*

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director General, Government Property Department, Office of the Prime Minister invites applications for the post of Legal Procurator in the Government Property Department.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Legal Procurator is Salary Scale 9, that is, €18,787.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €21,471.

2.2 A Legal Procurator will progress to Scale 8 (€20,047.02 x €486.83 - €22,968) on completion of two years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 The appointees will not be allowed to perform the private practice of their profession.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Prokuratur Legali jinkludu li:

a. iwettaq dmirijiet ta' natura legali u xogħol ieħor li jista' jitwettaq minn prokuratur legali prattikanti skont l-i*standards* tal-professjoni;

b. jippreżenta atti legali fi żmien impost mill-liġi u jsegwi l-istess atti legali;

c. jagħmel xogħol li għandu x'jaqsam mal-akkwist ta' artijiet, kif ukoll xogħol ta' preparazzjoni u preżentazzjoni ta' Atti ġudizzjarji quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar artijiet kif ukoll Atti ġudizzjarji oħra fejn id-Direttur tal-Artijiet hu parti;

d. jattendi fil-Qorti u waqt aċċessi bħala rappreżentat/a tad-Direttur tal-Artijiet;

e. jipprepara Dikjarazzjonijiet tal-President skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta'Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap.88);

f. jagħmel xogħol ieħor relatat skont ma jkun meħtieg dwar preparazzjoni u eżami ta' riċerki biex jiġu stabbiliti it-titoli ta' art li l-Gvern jakkwista;

g. iwettaq xogħol legali konness ma' ġbir ta' kera kif ukoll ġbir ta' arrettrati;

h. iwettaq kwalunkwe materji legali oħra li jistgħu jiġu assenjati minn żmien għal żmien; u

i. dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Direttorat għall-Finanzi u Amministrazzjoni, fid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, Berġa tal-Baviera, Triq San Sebastjan, Il-Belt Valletta.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

Duties

3. The duties of Legal Procurator include:

a. performance of all legal and other work which may be performed by a practicing legal procurator in accordance with the standards of the profession;

b. filing of legal acts within the imposed time limits at law and conduct follow up on these legal acts;

c. work connected with Land acquisition matters, including the drafting and filing in Court of Notices to Treat and of applications to the Land Arbitration Board, as also of other judicial Acts where the Director of Land is a party;

d. attending court sittings and site inspections to act as representative of the Director, Land;

e. drafting of President's Declarations under the Land Acquisition Ordinance (Cap. 88);

f. such ancillary work as may be required for the preparation of researches in connection with and the examination of the root of title of land to be acquired by Government;

g. carrying out legal work in connection with the collection of rent and recovery of outstanding dues;

h. carrying out any other legal matters that may be assigned from time to time;

i. any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Finance and Administration Directorate, Government Property Department, Auberge de Bavière, Triq San Sebastjan, Valletta.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Quotation and related documents are to be dropped in the Tender Box at the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo.

Quotations shall be valid for a period of six months, inclusive of Value Added Tax, and any other charges, if applicable.

The Ministry for Gozo reserves the right to refuse even the most advantageous quotation.

Specifications and submission form can be downloaded from the website (www.mgoz.gov.mt). Only submissions on the prescribed form will be considered.

20th February, 2015

GOZO CHANNEL COMPANY LIMITED

Il-Gozo Channel Company Limited, tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-20 ta' Marzu, 2015, jintlaqgħu kwotazzjonijiet/dokumenti ta' konċessjoni magħluqin fil-Gozo Channel Company Limited, The Brokerage, Level 2, Triq Santa Martha, Ir-Rabat, Għawdex, għal:-

Kwot. Nru. GCCL Q 01/2015. Provvista ta' materjal stampat.

Konċessjoni Nru. GCCL C 01/2015. Kiri ta' spazju għall-*vending machines* fit-terminals tal-Imġarr, Għawdex u ċ-Ċirkewwa, Malta.

Id-dokumenti tal-offerti huma mingħajr ħlas u kopja tad-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-indirizz imsemmi hawn fuq jew mill-*website* tal-kumpanija (www.gozo.channel.com).

L-20 ta' Frar, 2015

GOZO CHANNEL COMPANY LIMITED

The Gozo Channel Company Limited, notifies that:

Sealed quotations/concession documents will be received at the Gozo Channel Company Limited, The Brokerage, Level 2, Triq Santa Martha, Victoria, Gozo by not later than 10.00 a.m. of Friday, 20th March, 2015, for:-

Quot. No. GCCL Q 01/2015. Supply of printed material.

Concession No. GCCL C 01/2015. Leasing of space for vending machines at Mġarr, Gozo and Ċirkewwa, Malta terminals.

Quotations/concession documents are free of charge and a copy of these documents can either be collected from the above address or from the company's website (www.gozochannel.com).

20th February, 2015

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, jgħarraf li:-

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu, 2015, fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċju tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Ir-Raba' Sular, Allied House, 331, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, jew b'*email* fuq (procurement.mfa@gov.mt), jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. QMFA 009/2015. Ikkummissjunar, manifattura, konsenja u installazzjoni ta' ħġieġ u bibien fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

MINISTRY FOR FOREIGN AFFAIRS

The Director, Corporate Services, Ministry for Foreign Affairs, notifies that:-

Sealed quotations will be received in the tender box at the office of the Corporate Services Directorate, 4th Floor, Allied House, 331, Triq San Pawl, Valletta, or by email on (procurement.mfa@gov.mt), by not later than 10.00 a.m. of Friday, 13th March, 2015, for:

Quot. No. QMFA 009/2015. Commissioning, manufacturing, delivery and installation of glass panes and doors at the Ministry for Foreign Affairs.

L-offerenti huma mistiedna li jattendu għal żjara obbligatorja fis-sit li se ssir nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar, 2015, kif indikat fis-sejħa ppubblikata għall-kwotazzjonijiet.

Kopja elettronika tad-dokument flimkien mal-formoli preskritti u kundizzjonijiet relattivi jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas mill-*website* tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (http://foreignaffairs.gov.mt/en/Pages/Tenders.aspx).

L-20 ta' Frar, 2015

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U S-SAĦĦA (ENERĠIJA)

Il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) jgħarraf illi:-

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, l-10 ta' Marzu, 2015, fil-kaxxa tal-offerti fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. SEWCU/TD/2/2015. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjunar ta' *water saving measures/ electric instant water heaters in WC/Pressure pumps* fl-Iskola Primarja Siġġiewi.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea/Gvern ta' Malta skont ir-regoli tal-Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu biss mill-Ministeru tal-Enerġija u Saħħa (Enerġija), c/o Triq Sa Maison, Sa Maison.

L-20 ta' Frar, 2015

Interested bidders are invited to attend a compulsory site visit planned for Friday, 27th February, 2015, as indicated in the published call for quotations.

An electronic copy of the documents including the submission forms and relative conditions can be downloaded free of charge from the website of the Ministry for Foreign Affairs: (http://foreignaffairs.gov.mt/en/Pages/Tenders.aspx).

20th February, 2015

MINISTRY FOR ENERGY
AND HEALTH (ENERGY)

The Ministry for Energy and Health (Energy) notifies that:-

Sealed tenders will be received at the tender box of the Ministry for Energy and Health (Energy) up to 9.30 a.m. of Tuesday, 10th March, 2015 for:


Advt. No. SEWCU/TD/2/2015. Supply, delivery, installation and commissioning of water saving measures/ electric instant water heaters in WC/Pressure pumps at the Siggiewi Primary school.

A fee of €10 is to be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. The tender is co-financed by the European Union/ Government of Malta, in accordance with the rules pertaining to Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013 – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life – European Regional Development Fund (ERDF).

Tender documents are only obtainable from the Ministry for Energy and Health (Energy), c/o Triq Sa Maison, Sa Maison.

20th February, 2015



Programm Operattiv I - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Offerta qed tiġi kkunsidrata għal kofinanzjament
mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata' ta' kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Operational Programme 1- Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Tender is being considered for European Union part-financing
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL

L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal jgħarraf illi sa nofsinhar tat-Tnejn, it-2 ta' Marzu, 2015, jintlaqgħu kwotazzjonijiet permezz ta' *e-mail* fuq (glen.gauci@gov.mt) għall-istampar ta' ktieb kbir li jkollu CD ma' kull ktieb.

Dawn li ġejjin huma l-ispeċifikazzjonijiet

Qies: 52.5cm x 37.5cm
Paġni: 16 fuq ġewwa + il-qoxra (ta' quddiem u ta' wara).
Stampat kollu bil-kulur
Karta fuq ġewwa: 180gsm
Qoxra: 400 gsm tleqq
Finishing: *Stapled*
+
Karta waħedha trasparenti (l-istess qies tal-ktieb) ma' kull ktieb
+
Ħruq ta' *files* u stampar ta' qoxra fuq kull CD li għandha tkun inkluża ma' kull ktieb. Kull CD tkun meħtieġa li tiddaħħal fi *sleev*e tal-*plastic* trasparenti li titwaħħal fuq ġewwa ta' kull ktieb.

Għandhom jintbagħtu kwotazzjonijiet separati għall-kwantità 500 u 1,000.

Għandhom jiġu inkluża fil-kwotazzjoni l-ippakkjar f'kaxxi żgħar u konsenja għand Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal f'Santa Luċija.

L-*artwork* jingħata mis-CFC.

L-20 ta' Frar, 2015

OFFICE OF THE COMMISSIONER FOR CHILDREN

The Office of the Commissioner for Children notifies that quotations by e-mail on (glen.gauci@gov.mt) will be received up to noon of Monday, 2nd March, 2015, for the printing of a big book including a CD with each book.

The following are the specifications:

Size: 52.5cm x 37.5cm
Pages: 16 inside + cover (front and back)
Printing in full colour
Inside paper: 180gsm
Cover paper: 400 gsm gloss
Finishing: Stapled
+
A loose transparent sheet (same size as book) with each book
+
Burning of files and printing of cover on each CD to be included with each book. Each CD will need to be inserted in a transparent plastic sleeve and attached on the inside of each book.

Separate quotations are to be sent for quantity 500 and 1,000.

Packing in small boxes and delivery to the Office of the Commissioner for Children in Santa Luċija are to be included in the quotation.

All artwork to be supplied by CFC

20th February, 2015

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, it-18 ta' Marzu, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. UM1881. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjunar ta' żewġ mudelli ta' fran għat-twaqqif ta' laboratorju solari, fl-Università ta' Malta.

Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013) - Ninvestu fil-futur tiegħek.

Id-dokument tal-offerta huwa bla ħlas.

L-offerti għandhom isiru biss fil-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u d-dokumenti l-oħra jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tal-*Procurement,*

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 18th March, 2015, for:

Advt. No. UM1881. Supply, delivery, installation and commissioning of two types of furnaces for the setting up of a solar laboratory at the University of Malta.

This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund (2007-2013) – Investing in your future.

The tender dossier is free of charge.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Procurement Directorate, University of

l-Università ta' Malta, L-Imsida, (Kamra 303 tal-Bini tal-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti prospettivi għandhom jaraw li d-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website:* (https://www.um.edu.mt/procurement/service/tender) billi jikkwotaw in-numru tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi għall-ftuħ u l-iskedar tal-offerti nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Marzu, 2015, fl-10.15 a.m. f'Kamra 325 tal-Bini tal-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta.

L-20 ta' Frar, 2015

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa) jgħarraf illi:

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 27 ta' Frar, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5515/15. *Calcium Hydroxide Cement*
CFQ 5516/15. *Disposable Tips for the Sirona Spray-Vit*
CFQ 5517/15. *Root Canal Sealer*
CFQ 5521/15. *Flutamide 250mg tablets*
CFQ 5522/15. *Medroxyprogesterone 100mg tablets*
CFQ 5523/15. *Gonadorelin Injections*
CFQ 5524/15. *Human Chorionic Gonadotrophin 5000IU vials*
CFQ 5527/15. *Rigid biopsy forceps*
CFQ 5528/15. *Intraosseous Needles,G18*
CFQ 5529/15. *Seldinger Chest Drain kit*
CFQ 5530/15. *Phototherapy Eye Protector, 29-35cms*
CFQ 5531/15. *Temporary External Leads,6Fr*
CFQ 5532/15. *I-Gel Supraglottic Airways,Size 4.0 and 5.0*
CFQ 5534/15. *Silicone External Catheter- Self Adhering band only*
CFQ 5535/15. *Remifentanil 1mg Injections*
CFQ 5537/15 *Acid Salicylic BP*
CFQ 5538/15. *Rusch Riplex Jacques nelaton catheters size 12*
CFQ 5539/15. *Raltitrexed 2mg vials*
CFQ 5541/15. *Pralidoxime 1g Injections*
CFQ 5542/15. *Mitomycin C 2mg injections*
CFQ 5544/15. *Pelican one-piece ostomy pouches*
CFQ 5549/15. *Botox electrode needles*
CFQ 5551/15. *Natalizumab Infusion 300mg*
CFQ 5552/15. *Haloperidol 5mg injections*
CFQ 5553/15. *Spacers for Hip and Knee*

Malta, Msida, (Room 303 Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Prospective bidders are to note that this tender can be downloaded from (https://www.um.edu.mt/procurement/service/tender) by quoting the specific tender reference number.

The public may attend during the opening and scheduling of the tenders received up to 10.15 a.m. of Wednesday, 18th March, 2015, in Room 325, Administration Block, University of Malta.

20th February, 2015

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Energy and Health) notifies that:

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 27th February, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5515/15. Calcium Hydroxide Cement
CFQ 5516/15. Disposable Tips for the Sirona Spray-Vit
CFQ 5517/15. Root Canal Sealer
CFQ 5521/15. Flutamide 250mg tablets
CFQ 5522/15. Medroxyprogesterone 100mg tablets
CFQ 5523/15. Gonadorelin Injections
CFQ 5524/15. Human Chorionic Gonadotrophin 5000IU vials
CFQ 5527/15. Rigid biopsy forceps
CFQ 5528/15. Intraosseous Needles,G18
CFQ 5529/15. Seldinger Chest Drain kit
CFQ 5530/15. Phototherapy Eye Protector, 29-35cms
CFQ 5531/15. Temporary External Leads,6Fr
CFQ 5532/15. I-Gel Supraglottic Airways,Size 4.0 and 5.0
CFQ 5534/15. Silicone External Catheter- Self Adhering band only
CFQ 5535/15. Remifentanil 1mg Injections
CFQ 5537/15 Acid Salicylic BP
CFQ 5538/15. Rusch Riplex Jacques nelaton catheters size 12
CFQ 5539/15. Raltitrexed 2mg vials
CFQ 5541/15. Pralidoxime 1g Injections
CFQ 5542/15. Mitomycin C 2mg injections
CFQ 5544/15. Pelican one-piece ostomy pouches
CFQ 5549/15. Botox electrode needles
CFQ 5551/15. Natalizumab Infusion 300mg
CFQ 5552/15. Haloperidol 5mg injections
CFQ 5553/15. Spacers for Hip and Knee

CFQ 5554/15. *Consumables for Marquette Monitors - Cuff Child Size 18-26cm*
CFQ 5555/15. *Fluphenazine 25mg injections*
CFQ 5556/15. *Cyclosporin 50mg injections*
CFQ 5557/15. *Consumables Karl Storz Shaver Hand Piece*
CFQ 5559/15. *Luer sealing port for laparoscopic instruments*
CFQ 5560/15. *Spencer Wells haemostatic forceps*
CFQ 5561/15. *Cholangiographic cannula kit*
CFQ 5562/15. *Gemstar Pump Sets*
CFQ 5563/15. *Drill Bits for Ortho Theatre*
CFQ 5564/15. *Metzenbaum scissors 11"*
CFQ 5565/15. *Universal clear eye shields adult*
CFQ 5566/15. *Permethrin 1 percent in a cream base*
CFQ 5567/15. *Radial Head Arthroplasty PAY PER USE*
CFQ 5568/15. *Triangular Fibro cartridge Complex Injury - Arthroscopic Repair device wrist*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 27 ta' Frar, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CFQ Q 23889. Limitu estiż għall-installazzjoni ta' sistema medika ġdida bħala estensjoni tas-sistema kurrenti fil-*Plant Room*

Id-dokument ta' din il-kwotazzjoni tinkiseb mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 3 ta' Marzu, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CPSU/NBTC/Q1001/2015. Provvista ta' oġġetti sanitarji

Id-dokument ta' din il-kwotazzjoni tinkiseb mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5514/15. *Soft white paraffin*
CFQ 5518/15. *Prophylaxis Brushes*
CFQ 5519/15. *Dental Cotton Rolls*
CFQ 5520/15. *Trumpets - Aspirator Tips*
CFQ 5525/15. *Pomalidomide 4mg capsules*
CFQ 5526/15. *Applicators wood*
CFQ 5533/15. *Wound Closure Strips, 12mm and 25mm*

CFQ 5554/15. Consumables for Marquette Monitors - Cuff Child Size 18-26cm
CFQ 5555/15. Fluphenazine 25mg injections
CFQ 5556/15. Cyclosporin 50mg injections
CFQ 5557/15. Consumables Karl Storz Shaver Hand Piece
CFQ 5559/15. Luer sealing port for laparoscopic instruments
CFQ 5560/15. Spencer Wells haemostatic forceps
CFQ 5561/15. Cholangiographic cannula kit
CFQ 5562/15. Gemstar Pump Sets
CFQ 5563/15. Drill Bits for Ortho Theatre
CFQ 5564/15. Metzenbaum scissors 11"
CFQ 5565/15. Universal clear eye shields adult
CFQ 5566/15. Permethrin 1 percent in a cream base
CFQ 5567/15. Radial Head Arthroplasty PAY PER USE
CFQ 5568/15. Triangular Fibro cartridge Complex Injury - Arthroscopic Repair device wrist

These quotation documents are free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 27th February, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFQ Q 23889. Extended threshold for the installation of a new medical system as an extension to a current system inside Plant Room.

The quotation document is free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Tuesday, 3rd March, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CPSU/NBTC/Q1001/2015. Supply of sanitary ware

The quotation document is free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 6th March, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5514/15. Soft white paraffin
CFQ 5518/15. Prophylaxis Brushes
CFQ 5519/15. Dental Cotton Rolls
CFQ 5520/15. Trumpets - Aspirator Tips
CFQ 5525/15. Pomalidomide 4mg capsules
CFQ 5526/15. Applicators wood
CFQ 5533/15. Wound Closure Strips, 12mm and 25mm

CFQ 5536/15 *Weinberg Cerebral Angiographic Catheters*
CFQ 5540/15. *Promethazine Hydrochloride Oral Solution*
CFQ 5545/15. *Single use hot biopsy forceps*
CFQ 5546/15. *Water bottles for Pentax endoscopes*
CFQ 5547/15. *Endoscopic markers*
CFQ 5548/15. *Disposable double ended cleaning brush*
CFQ 5558/15. *Braun Infusomat iv sets*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sal-10.30 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2015. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CPSU/PHC/1001/15. Evalwazzjoni ġeoteknika u investigazzjoni tas-sit għall-*hub* għar-reġjun tal-portijiet tan-Nofsinhar

Id-dokument ta' din l-offerta tinkiseb mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sal-10.30 a.m. tal-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2015. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CPSU/MCH/1002/2015. Provvista ta' ħaxix iffriżat għal sena lill-Isptar Monte Carmeli

Id-dokument ta' din l-offerta tinkiseb mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2015. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal bażi ta' kuntratt għall-provvista ta':

CfT 3098/15. *Polypropylene meshes*
CfT 3099/15. *LT Ventricular Leads with Accessories for of CRT – D devices*
CfT 3100/15. *Implantable Antimicrobial pockets.*
CfT 3101/15. *Hickman Titanium Ports,6.6FR*
CfT 3102/15. *9/32" tubing for underwater drainage*
CfT 3103/15. *Angiographic Drapes for Diagnostic and interventional procedures*
CfT 3104/15. *Kurz Prosthesis*
CfT 3105/15. *Pimozide 4mg tablets*
CfT 3106/15. *Halopaeridol 0.5mg tablets / capsules*
CfT 3107/15. *Baclofen tablets and syrup*
CfT 3108/15. *Blood Lancets*
CfT 3109/15. *High pressure 20ml syringes for haemodialysis*

Id-dokument ta' din l-offerta tinkiseb mingħajr ħlas.

CFQ 5536/15 Weinberg Cerebral Angiographic Catheters
CFQ 5540/15. Promethazine Hydrochloride Oral Solution
CFQ 5545/15. Single use hot biopsy forceps
CFQ 5546/15. Water bottles for Pentax endoscopes
CFQ 5547/15. Endoscopic markers
CFQ 5548/15. Disposable double ended cleaning brush
CFQ 5558/15. Braun Infusomat iv sets

These quotation documents are free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 10.30 a.m. of Tueday, 17th March, 2015. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CPSU/PHC/1001/15. Geotechnical assessment and site investigations for the Southern Harbour Regional Hub

The tender document is free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 10.30 a.m. of Friday, 20th March, 2015. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CPSU/MCH/1002/2015. One year supply of frozen vegetables to Mount Carmel Hospital.

The tender document is free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Monday, 23rd March, 2015. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the framework contract for the supply of:

CfT 3098/15. Polypropylene meshes
CfT 3099/15. LT Ventricular Leads with Accessories for of CRT – D devices
CfT 3100/15. Implantable Antimicrobial pockets.
CfT 3101/15. Hickman Titanium Ports,6.6FR
CfT 3102/15. 9/32" tubing for underwater drainage
CfT 3103/15. Angiographic Drapes for Diagnostic and interventional procedures
CfT 3104/15. Kurz Prosthesis
CfT 3105/15. Pimozide 4mg tablets
CfT 3106/15. Halopaeridol 0.5mg tablets / capsules
CfT 3107/15. Baclofen tablets and syrup
CfT 3108/15. Blood Lancets
CfT 3109/15. High pressure 20ml syringes for haemodialysis

The tender document is free of charge.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet/offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System*: (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mis-Sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet/offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-20 ta' Frar, 2015

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa) jgħarraf illi:

Il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) qed ifittex is-servizzi ta' Speċjalista/Konsulent tal-*Imaging* minn kumpaniji/individwi interessati. Is-servizz se jingħata fil-Programm Nazzjonali tal-i*Screening* fi ħdan id-Dipartiment tal-Kura Primarja.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-*website* (www.ehealth.gov.mt), Istituzzjonijiet tas-Saħħa, *Central Procurement and Supplies Unit, Request for Participation (RFP).*

Is-sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu lis-Central Procurement and Supplies Unit mhux aktar tard mill-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2015.

L-20 ta' Frar, 2015

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin bil-lingwa Ingliża fil-kaxxa tal-offerti għal:

Avviż Nru. FTS 43-15. Provvista u installazzjoni ta' *sports timber flooring* u *wall panelling* b'mod li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, fl-Iskola l-Ġdida tal-I*sports*, Pembroke.

Id-dokumenti tal-offerti jitniżżlu u jiġu stampati mill-*website* tal-FTS: (www.fts.com.mt) fil-kolonna taħt "Tenders" u n-numru rispettiv tal-offerta.

L-offerti magħluqin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke PBK 1940 matul il-ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u l-5.00 p.m.

Quotation/tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations/tender at the times and dates specified above.

20th February, 2015

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Energy and Health) notifies that:

The Ministry for Energy and Health (Health) is seeking to contract the services of Imaging Specialists/Consultants from interested companies/individuals. The service shall be provided at the National Health Screening Programme within the Primary Health Care Department.

Further information can be obtained from the website (www.ehealth.gov.mt), Health Institutions, Central Procurement and Supplies Unit, Request for Participation (RFP).

Submissions are to be forwarded to the Central Procurement and Supplies Unit by not later than 10.00 a.m. on Wednesday, 18th March, 2015.

20th February, 2015

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:

Sealed tenders in English language will be received in the tender box up to 10.00 a.m. of Friday, 13th March, 2015, for:

Advt. No. FTS 43-15. Supply and installation of sports timber flooring and environmentally sound wall panelling at the New Sports School, Pembroke.

Tender documents shall be downloaded and printed from the FTS website: (www.fts.com.mt) under the heading "Tenders" and the respective tender number.

Sealed tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke PBK 1940 only on weekdays between 8.30 a.m. and 5.00 p.m.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Il-Fondazzjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Frar, 2015

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

20th February, 2015

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf li:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-kaxxa tal-offerti indirizzati lill-Kunsill Lokali San Lawrenz, Segretarju Eżekuttiv, 22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz SLZ 1261, Għawdex, għal:

Avviż Nru. SLZ 01/2015. Provvediment ta' servizzi għal assistent għall-ftuħ u l-ġestjoni taċ-Ċentru Edukattiv għall-Ambjent fid-Dwejra.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu mill-Kunsill Lokali San Lawrenz bi ħlas ta' €50.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Frar, 2015

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz Local Council notifies that:

Sealed tenders addressed to San Lawrenz Local Council, Executive Secretary, 22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz SLZ 1261, Gozo, will be received in the tender box up to noon of Friday, 20th March, 2015, for:

Advt. No. SLZ 01/2015. Provision of services for an assistant to open and manage the Dwejra Environmental Education Centre.

Tender documents can be obtained from San Lawrenz Local Council at a fee of €50.

Late submissions will not be considered.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

20th February, 2015

KUNSILL LOKALI IX-XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra jgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. tat-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2015, jintlaqgħu offerti fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Vjal it-Tmienja ta' Settembru, għal:

Avviż Nru. 04/2015. Kostruzzjoni ta' bankini fix-Xagħra, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerti jingabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Frar, 2015

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that:

Tenders will be received in the Local Council's office, Vjal it-Tmienja ta' Settembru, up to 11.00 a.m. of Monday, 23rd March, 2015, for:

Advt. No. 04/2015. Construction of pavements in Xagħra, Gozo.

The tender documents can be collected from the Council's Administrative Offices.

A fee of €50 is to be charged for each copy of tender document.

Late submissions will not be accepted.

The Council retains the right to refuse any offer, even the most advantageous.

20th February, 2015

KUNSILL LOKALI IL-FURJANA

Il-Kunsill Lokali Il-Furjana jgħarraf illi:

Sat-3.30 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2015, fil-kaxxa tal-offerti tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet/offerti magħluqin għal:

Kwot. Nru. KLF/Q/02/2015. Kiri ta' *crash barriers* (Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat).

Kwot. Nru. KLF/Q/03/2015. Provvediment ta' *sound* u dwal (Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat).

Għandu jitħallas dritt ta' €15 għal kull kopja ta' kull dokument ta' kull kwotazzjoni.

Avviż Nru. KLF/T/03/2015. Żamma ta' *soft areas* b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja ta' kull dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 15 Pjazza E.S Tonna, Il-Furjana, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa), u mit-8.00 a.m. sal-11.30 a.m. (is-Sibt).

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta/kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Frar, 2015

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that:

Sealed quotations/tenders will be received at the Council's Administrative Offices up to 3.30 p.m. of Friday, 27th March, 2015, for:

Quot. No. KLF/Q/02/2015. Hiring of crash barriers (Mechanised Ground Fireworks Festival).

Quot. No. KLF/Q/03/2015. Provision of sound and light (Mechanised Ground Fireworks Festival).

A fee of €15 is to be charged for each copy of each quotation document.

Advt. No. KLF/T/03/2015. Upkeep of soft areas in an environmentally friendly manner.

A fee of €50 is to be charged for each copy of each tender document.

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, 15, Pjazza E.S. Tonna, Floriana, during office hours from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 2.00 p.m. till 4.00 p.m. (from Monday to Friday), and from 8.00 a.m. till 11.30 a.m. (Saturday).

The Council reserves the right to refuse any tender/quotation, even the most advantageous one.

20th February, 2015

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

318

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-6 ta' Frar, 2015, u dan wara Rikors b'numru 14/2015, ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' Wisam Hamad, li jġib in-numru 2088 tas-sena 1979, billi fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtijin", minflok l-isem "Wesam" li jiġi mħassar, jidħol l-isem korrett "Wisam".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2015.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Article 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 6th February, 2015, and this after a written plea numbered 14/2015, ordered:

The correction of the Act of Birth of Wisam Hamad, bearing number 2088 of the year 1979, under the column entitled "Names Given", the name "Wesam" is to be cancelled, and substituted with the correct name "Wisam".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts, today Friday, 6th February, 2015.

JANET CALLEJA
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

319

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), fis-16 ta' Frar, 2015 numru 142/2015 minn Lorenzo Aquilina u oħrajn, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Lorenzo u Maria, aħwa Aquilina, u dan fi kwoti ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom favur Miriam u Denise, aħwa Aquilina, ulied il-mejjet Giuseppe, u dan fi kwoti ta' ottava parti (1/8) indiviża kull waħda minnhom, u favur Ronald, Gregory u Peter, aħwa Lanzon, ulied il-mejta Carmela née Aquilina, u dan fi kwoti ta' dodiċesima parti (1/12) indiviża kull wieħed minnhom, is-Suċċessjoni ta' Emmanuele Aquilina (KI 327929M), ġuvni, iben il-mejtin Salvatore u Rosaria née Baldacchino, imwieled Senglea, kien joqgħod Tas-Sliema, u miet Tal-Qroqq, L-Imsida, fil-25 ta' Diċembru, 2014, ta' 85 sena.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu fi żmien ħmistax-il ġurnata mit-twaħħil tal-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 17 ta' Frar, 2015.

MARCEL BUGEJA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Notice is hereby given that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), on the 16th of February, 2015 number 142/2015 by Lorenzo Aquilina and others, wherein they prayed to be declared open in favour of Lorenzo and Maria, siblings Aquilina, in share of one fourth (1/4) undivided part each in favour of Miriam and Denise, siblings Aquilina, children of the late Giuseppe, in shares of one eighth (1/8) undivided part each, and in favour of Ronald, Gregory and Peter, siblings Lanzon, children of the late Carmela née Aquilina, in shares of one twelfth (1/12) undivided part each, the Succession of Emmanuele Aquilina (ID 327929M), son of the late Salvatore and the late Rosaria née Baldacchino, born in Senglea, resided at Sliema, and died at Tal-Qroqq, Imsida, on the 25th of December, 2014, aged 85 years.

Thus whoever considers that has an interest, he is being called to enter his opposition by means of a note within fifteen days from the posting of the banns and the notices according to law.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today the 17th day of February, 2015.

MARCEL BUGEJA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

320

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), fid-9 ta' Frar, 2015 numru 116/2015 minn Carmel, sive Lino Callus u Vincent Callus, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed minnhom, is-Suċċessjoni ta' oħthom, Paolina Callus (KI 178142M), xebba, bint il-mejtin Joseph u Caterina née Tedesco, imwielda l-Ħamrun, kienet toqgħod Tal-Pietà, fejn mietet fis-27 ta' Lulju, 2014, ta' 72 sena.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et. seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 17 ta' Frar, 2015.

MARCEL BUGEJA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), on the 9th of February, 2015, number 116/2015 by Carmel, sive Lino Callus and Vincent Callus, wherein they prayed that it be declared open in their favour in share of one half (1/2) undivided part each, the Succession of their sister, Paolina Callus (ID 178142M), spinster, daughter of the late Joseph and the late Caterina née Tedesco, born in Ħamrun, resided at Tal-Pietà, where she died on the 27th of July, 2014, aged 72 years.

Wherefore any person who considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537 (1) et. seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today the 17th day of February, 2015.

MARCEL BUGEJA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

321

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-4 ta' Frar, 2015, fuq rikors ta' Borg Mark, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 19 ta' Mejju, 2015, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fondi hawn taħt deskritti:

Il-fondi bin-numri sitta u ħamsin (56), sebgħa u ħamsin (57) u tmienja u ħamsin (58), fi Triq San Ġwann, Bormla, liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, stmati li jiswew tlieta u tmenin elf Ewro (€83,000); u

Il-garaxx numru sebgħa (7), fi Triq it-Tobra, Ħal Lija, b'aċċess li jagħti għal Triq il-Lariġ, Ħ'Attard, stmat li jiswa ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Briffa Alan u B. Kam Holdings Limited (C 24868).

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 42/13.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 4th February, 2015, on the application of Borg Mark, Tuesday, 19th May, 2015, at half past eleven in the morning, has been fixed for the Sale by Auction to be held on the first floor of these Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following properties:

The tenements numbered fifty-six (56), fifty-seven (57) and fifty-eight (58), in Triq San Ġwann, Bormla, free and unencumbered, with its rights and appurtenances, valued at eighty-three thousand Euro (€83,000); and

A garage numbered seven (7), in Triq it-Tobra, Ħal Lija, who has access in Triq il-Lariġ, Ħ'Attard, valued at fifteen thousand and five hundred Euro (€15,500).

The said tenements are the property of Briffa Alan and B. Kam Holdings Limited (C 24868).

N.B. The said tenements will be sold as described in the acts of the file number 42/13.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 17th February, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

322

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fit-18 ta' Frar, 2015, fuq rikors ta' Caterpillar Financial Services Corp, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2015, f'nofsinhar, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'Awla tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-oġġett hawn taħt deskritt maqbud mingħand Bastiment MT 'Lady Ferhan'.

Bastiment MT 'Lady Ferhan', IMO numru 9445411, irreġistrat it-Turkija, fil-proprjetà ta' Gemmar Gemi Isletmeleri AS, li għandu tunnellaġġ gross ta' 4,347.

N.B. L-imsemmi oġġett jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 9/15.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2015.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 18th February, 2015, on the application of Caterpillar Financial Services Corp, Monday, 23rd March, 2015, at noon, has been fixed for the Sale by Auction to be held in a hall of these Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following item seized from the property of Bastiment MT 'Lady Ferhan'.

Vessel MT 'Lady Ferhan', IMO number 9445411, registered in Turkey, property of Gemmar Gemi Isletmeleri AS, having a gross tonnage of 4,347.

N.B. The said object will be sold as described in the acts of file number 9/15.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 18th February, 2015.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

323

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Novembru, 2014, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334), ta' Fra Diego Street, Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Ottubru, 2014, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Voss Jasmin (KI 47054A), ta' 1, Bayview, Flat 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,217.19 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 685/14DMA) hija differita għat-3 ta' Marzu, 2015 f'12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Frar, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 17th November, 2014, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334), of Fra Diego Street, Marsa MRS 1501, filed a Claim, on the 1st October, 2014, whereby they asked the Tribunal to condemn Voss Jasmin (ID 47054A), of 1, Bayview, Flat 7, Triq Birkirkara, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €1,217.19 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 685/14DMA) is deferred for the 3rd March, 2015 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th February, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

324

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Ottubru, 2014, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334), ta' Fra Diego Street, Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Awwissu, 2014, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Macdonald John Anthony (KI 62229A), ta' Royal Lodge, Blokk A, Flat 1, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €687.73, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 593/14DMA) hija differita għat-3 ta' Marzu, 2015 f'12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Frar, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 22nd October, 2014, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334), of Fra Diego Street, Marsa MRS 1501, filed a Claim, on the 20th August, 2014, whereby they asked the Tribunal to condemn Macdonald John Anthony (ID 62229A), of Royal Lodge, Block A, Flat 1, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €687.73, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 593/14DMA) is deferred for the 3rd March, 2015 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th February, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

325

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Ottubru, 2014, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334), ta' Fra Diego Street, Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Awwissu, 2014, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Hedlun Carl Henrik Anders (KI 52927A), ta' 81, Juljana, Flat 1, Triq il-Kbira, San Ġiljan, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €917.14, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Numru 581/14DMA) hija differita għat-3 ta' Marzu, 2015 f'12.05 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Frar, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal, of the 22nd October, 2014, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334), of Fra Diego Street, Marsa MRS 1501, filed a Claim, on the 20th August, 2014, whereby they asked the Tribunal to condemn Hedlund Carl Henrik Anders (ID 52927A), of 81, Juljana, Flat 1, Triq il-Kbira, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €917.14, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 581/14DMA) is deferred for the 3rd March, 2015 at 12.05 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th February, 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

326

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-17 ta' Novembru, 2014, fuq talba ta' Mandy Daglish, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Garry Morton Daglish, fl-atti tal-ittra ta' Medjazzjoni 1456/14 AL, fl-ismijiet, Mandy Daglish vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ittra ta' Medjazzjoni ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-ismijiet, Mandy Daglish vs Kuraturi Deputati, ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), fl-10 ta' Ottubru, 2014, Mandy Daglish, Passaport numru 458530084, ippremettiet li hija ddivorzjata minn żewġha Garry Morton Daglish li huwa assenti minn Malta. Illi miż-żwieġ imsemmi kellhom żewġt itfal fosthom ...omissis... li huwa minuri u jirrisjedi ma' ommu Mandy Daglish.

Illi għaldaqstant, l-imsemmija Mandy Daglish titlob ai termini tar-Regolament 4 (1) et. seq. tal-Avviż Legali 397/03, tgħaddi dan l-inkartament lill-Qorti Kompetenti sabiex filwaqt li jiġi nominat medjatur, tiġi esplorata l-possibbilità

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court

By means of a decree by this Court, on the 17th November, 2014, following a request of Mandy Daglish, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Garry Morton Daglish, in the records of the letter of Mediation 1456/14 AL, in the names, Mandy Daglish vs Deputy Curators, and in the relative and subsequent acts.

By means of a Letter of Mediation filed in the Civil Court (Family Section), filed in the Civil Court (Family Section), in the names, Mandy Daglish vs Deputy Curators, presented in the Court Registry (Family Section), on the 10th October, 2014, Mandy Daglish, Passport number 458530084, premised that she is divorced from her husband Garry Morton Daglish who is absent from Malta. That from the said marriage they had two children amongst which ...omissis... who is a minor and resides with his mother Mandy Daglish.

That thus, the said Mandy Daglish prays in terms of Regulation 4 (1) et. seq. of Legal Notice 397/03, pass the proceedings to the Competent Court so that whilst there be appointed a mediator, there be explored the possibility of an

ta' ftehim dwar il-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll dwar l-ottjeniment u l-ħruġ ta' passaport tal-istess minuri, u tilqa' t-talbiet l-oħra fl-ittra.

Notifika: Kuraturi Deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta.

Notifika Bandu: Victoria Falzon, No. 3, Tulip Flats, Pawlu Farrugia Street, Ħal Qormi.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, LLD, LLM (IMLI), Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Novembru, 2014

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 18 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

Notify with the Banns: Victoria Falzon, No. 3, Tulip Flats, Pawlu Farrugia Street, Ħal Qormi.

You are ordered to affix a copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

